MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 135/2002/1

**Eucharistico Gauci**

**vs**

**Jesmond u Mary Anne konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Dicembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' tmien mija u hdax-il lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm811.15) dovuti lilu bhala hlas ta' xoghol ta' stallazzjoni elettrika u plumbing u materjal maghmul u ipprovdut lilkom fid-dar ta' l-abitazzjoni u hanut taghkom.

Il-konvenuti ghandhom jigu kkundannati ihallsu ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittri ufficjali mibghuta fil-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) u fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2002 u l-ispejjes ta' din il-procedura."

Ra r-risposta:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Borg.

Jeccepixxu bir-rispett"

(i) Preliminarjament ghar-rigward il-kont ta'LM539, dan huwa allegatament dovut dwar xoghol li sar fid-dar residenzjali tal-konvenuti f' "Jesmar House", Triq Wied is-Rahhan, Qala, Ghawdex, liema xoghol sar fl-1994 u ghaldaqstant tapplika l-preskrizzjoni kemm tat-tmintax (18) il-xahar u ta' hames (5) xnin – Artikoli 2148(a) u 2156(f) tal-Kodici Civili.

(ii) Illi ghar-rigward is-somma ta' tmienja u sebghin lira (LM78) stima, dan l-ammont m'huwiex dovut.

(iii) Illi dwar l-ammont ta' LM54.80c0m u LM139.35c, dan l-ammont huwa allegatament dovut minhabba xoghol ta' dawl u tal-ilma li sar fil-hanut tal-konvenuti bl-isem "Sweet Sensations Confectionery", fi Pjazza San Giusepp, Qala, Ghawdex, liema ammont huwa esagerat ghal ahhar.

(iv) Fi kwalunkwe kaz topera l-kumpensazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-atturi ghamlu kemm din l-eccezzjoni kif ukoll l-eccezzjoni tal-kumpensazzjoni. Intqal ricentement in re **Guido J. Vella**

**A. & C.E. vs Dr. Emanuel Cefai LL.D.** 05.10.2001 mill-Qorti tal-Appell kollegjalment komposta li:

L-eccezzjoni tal-kompensazzjoni jekk tinghata wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju tal-preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu stess, il-konvenut li jeccepixxi l-kompensazzjoni jigi li irrinunzja ghall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'semplici rizerva." (Volum XXXII.i.639 ; Volum XXXIV.i.326 ; Volum XXX.i.964 u Volum XLIV.ii.519 fost ohrajn). "La compensazione e' una specie di pagamento e non si paga un debito quando lo si vuol lasciare prescrivere" (Troplong Prescrizione, para. 66 u 618 (8)).

*Ghalhekk filwaqt li gie ritenut illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kinitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illi "hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni" (Volum XXX.i. 964).*

Ghalhekk l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni qieghdha tigi respinta.

Kwantu ghall-mertu, l-attur qieghed jitlob il-hlas fuq tlett kontijiet konsekuttivi u ghalhekk it-Tribunal ghall-konvenjenza sejjer jikkunsidrahom kemm jista' jkun wiehed wiehed.

Kwantu ghall-ewwel kont, li kien jirrigwarda xoghol fid-dar matrimonjali tal-konvenuti, il-konvenuti fir-risposta taghhom eccepew il-preskrizzjoni u fil-mertu eccepew il-kumpensazzjoni. Fix-xhieda taghhom qalu li dwar l-ewwel kont kollox kien issetiljat kemm minhabba s-self ta' elfejn u hames mitt lira li huma kienu ghamlu lill-konvenut kif ukoll minhabba xoghol iehor esegwit mill-konvenut a beneficcju tal-attur. Kieku kien hemm tabilhaqq kumpensazzjoni, kien jigi li l-attur kellu bilanc x'jaghti lill-konvenuti, ghax il-kont tieghu ma kienx tela' ghal LM2,500. Di piu', *a tempo vergine*, biex jinghad hekk, fl-

ewwel risposta li l-konvenuti baghtu lill-attur fl-20 ta' Novembru 2001, ma tkellmux dwar tpacija li diga kienet saret, imma allegaw li kien ghad fadlilhom jiehdu total ta' LM987.25c minghand l-attur. Inkluz f'dan l-ammont kien hemm LM500 kapital mis-somma mislufa (li incidentalment l-attur ghamel tpacija taghhom) u LM240 imghax bit-8% fuq LM2,500; LM200 bilanc ta' prezz ta' post f'Saint James Street li kienu bieghu lill-attur u LM47.20 prezz ta' xi xoghol. Issa mhux biss din il-verzjoni tal-affarijiet ma taqbilx ma dak li l-konvenuti qeghdin jallegaw quddiem it-Tribunal, imma wkoll ma taqbilx mad-dokumenti esibiti u provi akkwiziti ohrajn: per ezempju, skond il-kuntratt ta' bejgh ta' Triq San Gakbu Nadur, Ghawdex maghmul fit-8.10.1992, il-prezz thallas prezenzjalment fuq l-att innifsu, kif jidher mill-istess att (E.G.44 esibit animo ritirandi). Di piu', din l-ittra tikkonferma dak li qal l-attur fis-sens li m'ghamilx tpacija tal-LM2,000 mid-dejn, imma li dawn hallashom cash fuq talba tal-istess konvenuti : *kont selliftek is-somma ta' LM2,500 u tajtni biss elfejn lira (Dok E a fol 23).* Dawn il-kontradizzjonijiet kollha jinducu lil dan it-Tribunal biex jiskarta l-verzjoni tal-konvenuti ghar-rigward tal-ewwel kont.

Rigward it-tieni kont u t-tielet kont, jirrizulta li dawn kienu inflazzjonati mhux hazin u ghalhekk it-Tribunal jirriducihom, *arbitrio boni viri*, ghas-somma ta' LM80.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba limitatament ghas-somma ta' LM619 bl-imghax legali mid-data tad-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez tal-istanti 4/5 lill-konvenuti u 1/5 lill-attur."

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Fir-rigward ta' l-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni li giet michuda mit-Tribunal huma jikkontestaw il-konkluzjoni raggunta mill-istess Tribunal in kwantu jissottomettu illi t-tpacija minnhom referita kellha konnessjoni biss mat-tielet eccezzjoni u mhux ghall-ammont kollu reklamat. Biex jissostanzjaw dan l-argoment taghhom huma jistriehu fuq

l-insenjament tas-sentenza **a Vol XXIII pI p720** u l-Art 728 tal-Kap 12.

Aggravju iehor taghhom hu li fir-rigward ta' certi ammonti, eskluz l-ewwel wiehed dwar xoghlijiet fid-dar, kellha tapplika l-kompensazzjoni oltre dak konstatat mit-Tribunal dwar l-eccessivita`.

Jigi rilevat illi din il-Qorti ma taqbel xejn mal-appellanti illi l-eccezzjoni taghhom tal-kompensazzjoni kienet korrelatata biss mat-tielet eccezzjoni relattiva ghall-ammont rikjest mill-attur appellat ghal xoghlijiet ezegwiti fil-hanut. Dan huwa dezumibbli mhux biss mill-mod kif fir-risposta ghat-talba attrici din l-eccezzjoni tinsab izolata mit-tielet wahda b'tali mod li allura ghandha tinftiehem li tirreferi ghall-eccezzjonijiet l-ohra wkoll, izda anke mix-xhieda ta' l-istess konvenut appellant (fol 34) u mill-kontenut tal-ittra (fol 23) minnu mibghuta lill-attur fejn kien qed jippretendi li kien hu l-kreditur tal-attur u mhux vice-versa. Sewwa allura t-Tribunal evalwa l-materja fil-parametri li l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni kellha rabta mal-eccezzjonijiet kollha ta' qabilha riferibilment ghall-ammonti kollha li taghhom l-attur appellat kien qed jiddomanda l-hlas.

Dan premess, huwa pacifikament notorju illi jezistu cirkostanzi li manifestament jiddemostraw illi l-preskrizzjoni eccepita hi nkompatibbli meta jirrizultaw certi attijiet ohra. B'ezemplari jistghu jissemmew il-kaz tar-rikonoxximent tad-dejn jew fejn id-debitur ma jichadx id-dejn (**Kollez Vol XLVIII pIII p1440**; "**Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998), il-pagament akkont (**Kollez Vol XXIX pI p755**), il-prova tal-ammissjoni tad-dejn ("**Silvio Frendo –vs- Andrew Faenza**", Appell, Sede Inferjuri, 2 ta' Gunju 2000) u l-kompensazzjoni (**Kollez. Vol XXX pI p964**). Dawn l-ezemplari kollha jirrientraw fil-kwadru guridiku ahjar konoxxut bhala rinunzja ghall-preskrizzjoni. Kif jinghad mill-Qorti Taljan ta' Kassazzjoni, "l'eccezione di rinuncia alla prescrizione non integra una eccezzione in senso proprio, e pertanto puo` essere presa in esame dal giudice anche 'ex officio', senza bisogno di un'apposita

iniziativa della parte interessata, purche` i fatti sui quali l'eccezzione si fonda, anche se non allegati dalla parti, siano stati ritualmente acquisiti al processo" (**C 96/963**).

Fil-kaz in ezami t-Tribunal irravviza illi l-kompensazzjoni eccepita kienet tipparalizza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u li allura dik l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni kellha tissarraf f'rinunzja ghall-istess preskrizzjoni, ossija "l'abdicazione di un diritto" ("**Farrugia –vs- Perini**", 7 ta' Dicembru 1901) li wiehed javalla ruhu minnha.

A propozitu jinsab enuncjat illi "colui che eccepisce la compensazione non potrebbe farlo senza riconoscere il credito compensabile o compensato" (**Kollez. Vol XXIV pII p43**). Principju dan ri-affermat f'bosta decizjonijiet ohra kemm tal-passat (**Kollez Vol XXXIV pI p326**) kif ukoll ta' zmenijiet aktar recenti ("**Raymond Vella –vs- Moby Rentals Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001). Dan anke fil-kaz fejn l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni tinghata wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni (**Kollez. Vol XXXII pI p639**).

Issokta in effetti jigi puntwalizzat ukoll illi "xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju ghal preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu stess il-konvenut li jeccepixxi l-preskrizzjoni jigi li rrinunzja ghal preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'semplici rizerva" (**Kollez Vol XLIV pII p519**).

L-appellanti jistriehu fuq l-insenjament tal-kawza fl-ismijiet "Pio Cellini –vs- Maria Concetta Francalanza et", Appell Civili, 16 ta' Dicembru 1918. Similment hekk ukoll kien ghamel il-konvenut appellant fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Vella pro et noe -vs- John Vella**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997. Kif sostniet pero` din il-Qorti fir-rigward ta' dik is-sentenza "ma jirrizultax li din giet segwita mill-gurisprudenza u lanqas ma hi konfortata mill-fehma prevalenti tal-guristi in materja". Dan hu proprju hekk il-kaz kif ampjament manifest minn gurisprudenza konkordi li ma jistghax jinghad li tikkonforta l-argoment tal-appellanti.

L-istess appellanti, imbaghad, bil-hsieb li jkomplu jirrafforzaw l-argoment taghhom jissollevaw il-punt emanenti mill-konsiderazzjoni ta’ l-Artikolu 728 tal-Kap 12. Dan naturalment huma jirrilevawh biex isostnu l-punt illi skond dan il-provvediment tal-ligi huma kienu tenuti jissollevaw l-eccezzjonijiet kollha taghhom sew jekk dilatorji kemm jekk fil-meritu.

Anke hawn pero` ghal dan l-argoment twiegeb sentenza ohra fejn giet ukoll propulsa konsiderazzjoni simili mill-konvenut appellant fil-kawza fl-ismijiet “**Antonia Attard Gialanze –vs- Emanuel Rizzo**”, Appell, Sede Inferjuri, 29 ta’ Jannar 1998. Fiha nghad illi “huwa veru li illum sehhew emendi fil-ligi procedurali li jesigu fuq il-konvenut li jissolleva l-eccezzjonijiet tieghu kollha f’daqqa. Madanakollu dan ma jfisserx li dan isir in deroga tal-principju u d-dottrina legali li evolvew maz-zmien”. Effettivament dik is-sentenza ghaddiet f’dak il-kaz biex issostni illi d-debitur li jkun ammetta li ghandu jaghti, anke jekk ma jirrikonoxxiex bhala ezatt is-somma pretiza jigi li rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni.

In bazi ghall-osservazzjonijiet kollha fuq maghmula l-ewwel aggravju tal-appellanti qed jigi ghalhekk respint.

Issa l-appellanti jippretendu wkoll illi fil-kaz ta’ certi rjus tad-debitu kellha topera ruhha t-tapcija. Fir-rigward jigi fl-ewwel lok osservat illi l-pretensjoni tal-appellanti hi kontrastata mill-attur appellat. Mhux hekk biss pero`. Mill-provi in atti, skond din il-Qorti, l-versjoni fornita mill-appellant mhux biss ma hijiex verosimili izda lanqas ma hi fededenja u kredibbli. U allura din il-Qorti mhux biss ma temminhiex izda addirittura, bhat-Tribunal, qabilha, qed tiskartaha.

Guridikament, imbaghad, kif maghruf, “il-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta’ krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra” (**Kollez. Vol. XXXVII pI p490**; “**Onor. Carm Lino Spiteri –vs- Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**”, Appell Civili, 25 ta’ Jannar 1988).

Applikat dan il-principju ghall-fatti tal-kawza hu car illi ma jirrizultawx f'din l-istanza l-estremi biex tkun tista' ssir il-kompensazzjoni gudizzjali. L-aggravju tat-tpacija qieghed ghalhekk jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi, u dawk l-ohra riflessi fis-sentenza appellata, din il-Qorti qed tichad l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez gudizzjarji tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mit-Tribunal, dawk tal-prezenti procedura jibqghu a karigu tal-konvenuti appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------